9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 65**

**It-Tnejn, 22 ta' Mejju 2023**

Il-Laqgħa numru 65 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 t'April 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**65.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia u Is-Sa Roberta Sultana ma kienux preżenti minħabba raġunijiet personali.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**65.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 64 ġew approvati unanimament.

**65.2.2 Korrezzjonijiet**

65.2.2.1 Minuta 64.5.5 – flokk "hem" issir "hemm"
65.2.2.2 Minuta 64.6.3 – flokk "2022" issir "2023"

**65.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**65.3.1** Minuta 64.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri fuq il-bus stops ta' Triq il-Kbira San Ġużepp fejn issemmiet il-possibilta li ssir reviżjoni tagħhom. Ġie deċiż li din tiġi diskussa aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku ppropona sabiex issir laqgħa mar-residenti li joqgħodu fi Triq it-Turretta, ovvjament bil-preżenza tal-Perit ta' Infrastructure Malta. Dan tal-aħħar talab sabiex ma ssirx għalissa.

**65.3.2** Minuta 64.3.4 - Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur tal-knis is-Sur Azzopardi kien ser jieqaf u l-aħħar ġurnata tiegħu kella tkun fit-30 t'April 2023. F'dan ir-rigward il-Kunsill kellu f'idu diġà tlett kwotazzjonijiet li huma

I. Charles Mifsud kwota €79.06 kuljum
II. Waste Collection kwota €136.88 kuljum
III. GCI kkwotaw €200 kuljum.

Minħabba k-fatt lis-Sur Charles Mifsud preżentament huwa l-kuntrattur tal-ġonna il-kunsill b'mod unanimu qabel sabiex il-Kunsill juza is-servizzi it-tieni l-irħas li huwa dak tal-Waste Collection.

**65.3.3** Minuta 64.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li fuq il-kors ta' TCTC vis a vis l-ECDL, diskussjonijiet għadhom għaddejin.

**65.3.4** Minuta 62.5.3 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li l-istudju tat-*traffic Management* ta' Triq San Ġorġ u t-toroq tal-madwar fejn kellu jsir it-*traffic count* ġie sospiż minħabba l-fatt li bħalissa qed ikun hawn konġestjoni tat-traffiku minħabba x-xogħol li qed isir fi Triq il-Kbira San Ġużepp. F'dan ir-rigward dan għandu jitkompla ġaladarba jitlesta dan ix-xogħol.

**65**.3.5 Minuta 64.5.5 - Is-Sindku informa lill-membri li l-kuncert li ser isir fis-sajf kollox huwa pjanat hekk kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa.

Huwa qal ukoll li ser issir l-attivita' tal-Boxing li kineet diġà diskussa f'laqgħat preċedenti iżda din ser issir b'mod privat u mhux organizzata mill-Kunsill Lokali. Il-ħseib huwa li ssir f'Misraħ il-Kebbies fil-21 ta' Lulju 2023.

## 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**65.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-korsijiet tal-Lifelong Learning mhux ser tkun possibbli li jsiru minħabba l-fatt li l-Kunsill Lokali mhuwiex aċċessibbli għal kulħadd.

## 65.5 Rapporti / Korrispondenza

**65.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Klabb tal-football Santa Venera Lightnings fejn dawn qed jitolbu sabiex titneħħa s-*soft area* li hemm sabiex jibdew jarmaw bit-*tables and chairs* minflok.

Wara diskussjoni l-membri qablu b'mod unanimu li hemm proċess li irid isir u jiskatta mill-istess klabb billi ssir applikazzjoni għal *encroachment* mal-Awtorita' tal-Artijiet

u mal-*Malta Tourism Authority* iżda ma kienx hemm qbil fuq it-tneħħija tas-*soft area*, issa li l-bankina tlestiet.

**65.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sa Josette Zerafa fejn il-Kummissjoni Djakonija tinsab għaddejja bil-preparamenti biex, bħal kull sena, ittella' attivita' konġunta mall-Kunsill għall-anzjani fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Venera fejn Jum l-Anzjani, din is-sena, se jiġi ċċelebrat l-Erbgħa 26 ta' Lulju, 2023. Il-programm jinkludi: Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali li tibda fid-9.30am u wara attivita' soċjali għand is-Sorijiet Dumnikani (fl-Istitut t'Apap) liema attivita' tinkludi *entertainment* u *refreshments*.

F'dan ir-rigward, sehem il-Kunsill Lokali ser ikun f'dak li jirrigwarda l-*entertainment* kif ukoll sabiex jiġi provdut t-trasport għall-anzjani li jattendu d-*Day Centre*.

Il-Membri qablu unanimament.

**65.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-ġardinar fejn dan qed jinforma lill-Kunsill li kull darba li jsir ir-rimi qiegħed jintalab mill-Wasteserv sabiex iħallas miżata ta'€50 u għaldaqstant qiegħed jitlob sabiex il-Kunsill iħallas din il-miżata hu ġaladarba din hija miżata addizzjonali u qatt ma kienet miżjuda fit-tender eżistenti.

Wara diskussjoni l-membri tal-Kunsill qablu unanimament li jrid ikun hemm konferma uffiċċjali li l-iskart li qed jintrema huwa minn Santa Venera apparti li ġie nnutat li t-tariffa mill-Wasteserv żdiedet b'€20 u mhux b'€50.

**65.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sa Rachel Scicluna kordinatur fl-organizazzjoni kellimni.com. Fejn dawn qed joffru sezzjonijiet ta' terapija lill-komunita' fuq suġġetti varji.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex dawn is-sezzjonijiet isiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

**65.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar it-talba li għamel l-accountant sabiex il-Kunsill jibda juza Sage line 50 jew Sage Cloud sabiex isiru l-postings u ma tintilifx l-ebda data. Din ser tiswa lill-kunsill madwar €2,500.

Wara diskussjoni l-membri ral-Kunsill qablu unanimanet sabiex jinxtara dan is-software.

**65.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand it-Taqsima tad-Determinanti Soċjali tas-Saħħa mas-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika fejn qed tistieden lill-Kunsilli Lokali interessati biex jorganizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni li jindirizzaw id-determinanti soċjali tas-saħħa lill-pubbliku ġenerali. It-Taqsima qed timmira li torganizza ħames sessjonijiet ta' informazzjoni f'lokalitajiet differenti.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex dawn is-sezzjonijiet isiru ukoll fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

**65.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar li skont id-Direttiva 5/2019, ir-Reġjuni huma obbligati li jagħmlu riċerka u jipprovdu valutazzjoni dwar l-impatt soċjali attwali li jħaddan diversi temi bħall-edukazzjoni, l-ambjent, id-dinamika interġenerazzjonali u l-koeżjoni soċjali. Il-parteċipanti ta' dawn il-gruppi għandhom ikunu komposti permezz tar-rappreżentanza ta' Kunsillier wieħed minn kull Kunsill Lokali.

Għalhekk qed jintalab sabiex jiġu nominati Kunsillier fuq kull *Focus group*.

Wara diskussjoni, is-Sindku innomina lis-Sur Joe Vella għal *Focus Group 1* u is-Sa Roberta Sultana għal *Focus Group 2* filwaqt li għal *Focus Group 3* kien ser jattendi s-Sindku.

**65.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq l-iskema SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Din l-iskema qed issir sabiex ikollna komunitajiet aktar siguri u b'saħħithom hija waħda minn ħafna inizjattivi fejn il-Kunsilli Lokali jkunu ta' l-ewwel li jagħtu l-impenn u l-ħidma tagħhom sabiex b'hekk titkattar aktar fiduċja u sens ta' sigurtà fir-residenti tagħna fillokalitajiet rispettivi.

Għal dan il-għan, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, qed ivara dan il-finanzjament biex jassisti lill-Kunsilli Lokali fl-impenn tagħhom sabiex jiżguraw aktar sigurtà, wens u serenità fil-komunitajiet rispettivi.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill japplika fuq tneħħija ta' oġġetti u irmunkar ta' vetturi abbandunati mit-toroq, speċjalment jekk dawn qed jaħlu spazji ta' parkeġġi u dan in vista li hem ukoll tender document diġa lest.

**65.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva komunikat mingħand l-Ambaxxata tal-Polonja fejn qed titlob żewġ postijiet ta' parkeġġ riservati barra l-bini tal-Ambaxxata fil-Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kaħla. L-Ambaxxata bagħtet ukoll il-pjanta tat-triq u ritratti li jindikaw l-ispazji tal-parkeġġ preferuti.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu għal din it-talba.

**65.5.10** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Licari fejn qiegħed jinforma lill-Kunsill li nhar it-23 ta' Frar fit-8.30pm kien qiegħed isuq minn Triq Harrub Santa Venera minn fejn it-tabella l-antika TOPSY u sfortunatament saq minn fuq ħofra li ma kienitx tidher fid-dlam bil-konsegwenza li tnejn mit-tyres tal-karozza tiegħu tqattgħu u nfaqqgħu bl-impatt u kellhom bżonn li jinbidlu. Hu bagħat ukoll ritratti tal-imsemmija pothole li saq fuqha fi Triq il-Harrub Santa Venera, ritratti ta' tyres li ġarbu l-ħsara u bil-ħsara u fattura li ħallas biex biddel it-tyres. L-ispiża ta' dawn it-tyres hi ta' €2k.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex jittieħed parir mingħand l-avukat tal-Kunsill.

**65.5.11** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Socjeta' Filarmonika Santa Venera V.M. A.D.1964 sabiex bhal kull sena l-Kunsill

jaħseb dwar l-attivita' tal-Lejla Vendriża li l-Kunsill kull sena jagħmel flimkien magħhom fejn il-Kunsill irid jaħseb għall-meter tad-dawl 3 phase, *mobile toilets, barriers* u *sound.*

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

Fis-6:45pm is-Sindku issospenda l-laqgħa bi qbil unanimu sabiex tkun diskussa l-proposti tal-iskawts li kellhom jiġu diskussi fil-laqgħa preċedenti.

Is-Sindku stieden lis-Sur Glenn Catania sabiex jiddiskuti l-proposti mal-membri tal-Kunsill. Is-Sur Catania qal li fis-sena 2025 l-Scouts Group ta' Santa Venera ser ikun qiegħed jiċċelebra l-50 sena mit-twaqqif tiegħu u għaldaqstant qed ikunu preparati diversi attivitajiet marbuta ma' dan l-avveniment. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex jintbgħat il-pjan tal-attivitajiet li ser ikunu ser isiru.

Is-Sur Catania qal li proposta oħra hi li jsir bust tal-fundatur u titpoġġa f'Misraħ Santa Venera. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex dan il-bust isir fi Ġnien Romeo Romano fejn diġa ser ikun hemm bustijiet ta' persuni oħra li għamlu ġieħ lill-Lokalita' ta' Santa Venera.

Is-Sur Catania wera xewqa wkoll sabiex l-attivita li l-Kunsill jagħmel tal-Halloween ikollha l-esklussivita' tal-istess skawts minħabba l-fatt li fis-snin preċedenti kienu huma li jorganizzaw din l-attivita'. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex jinkariga lis-Sur Kursten Dimech sabiex issir laqgħa informali sabiex jiġu diskussi dawn il-ħsibijiet u tittieħed deċiżjoni minn hemm.

## 65.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 65.6.1 Green Pillars Project: Triq il-Ferrovija

Is-Sindku informa lill-membri li għat-tender tal-green pillars kien hemm offerant wieħed biss. Fejn l-ispiza tlaħħaq id-€59,400.

### 65.6.2 Jum l-Ambjent

Is-Sur Joe Vella ippropona sabiex issir attivita fit-3 ta' Ġunju sabiex tfakkar din il-ġurnata fejn fost l-oħrajn talab sabiex jinxtraw pjanti għal okkażżjoni u jitqassmu dakinhar filwaqt li jsiru ukoll taħdidiet informattivi dwar il-ħortikoltura. Hemm ukoll il-ħsieb li jitħawwli s-siġar fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-konok li hemm vojta. Wara diskussjoni kien hemm qbil dwar dan.

## 65.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**65.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 411 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

**65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**65.9 Lista ta' Ilmenti**

**65.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 109 | Work Order Gima and Sons |
| 110 | Ħaddiema Assenjati |
| 111 | Ilment ġie diskuss fl-aħħar laqgħa |
| 112 | Issir mill-Kuntrattur li kissirha |
| 113 | Ħaddiema Assenjati |
| 114 | Ħaddiema Assenjati |
| 115 | Kuntrattur tal-Knis |
| 116 | Contracts Manager |
| 117 | Hemm applikazzjoni ma' TM |
| 118 | Contracts Manager |
| 119 | Work Order Mica Med |
| 120 | Jinbidlu – Ħaddiema Assenjati |
| 121 | Contracts Manager |
| 122 | Tender |
| 123 | Dawn qegħdin hemm skont il-liġi |
| 124 | Nimxu skont ir-rapport tal-CM |
| 125 | Work Order Grima & Sons |
| 126 | Transport Malta |
| 127 | Work Order sabirx isisr patching |
| 128 | Work Order Lgografix |
| 129 | Work Order B.Grima and Sons |
| 130 | Tansport Malta |
| 131 | Work Order B. Grima and Sons |
| 132 | Work Order B.Grima and Sons |
| 133 | Work Order sabiex isiru dak meħtieġ |

## 65.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Mejju 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku
Konfermati, illum 22 ta' Mejju, 2023

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv